Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAT-TMINTAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 27 ta' Mejju 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.30pm | Sa | 8.15pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE **SKUŻAT** |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | Sinjorina | YANICA CALLEJA |

1. ***APPROVAZZJONI TA' MINUTI***

   Approvati

2. ***UPDATE ELANCOURT TWINNING PROJECT***

   Is-Sur Stefan Cordina rringrazzja lis-Sur Remigio Bartolo u lis-Sinjorina Yanica Calleja tax-xogħol professjonali tagħhom fl-organizzazzjoni ta' dan il-proġett. Is-Sur Cordina semma wkoll li l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ġiet nominata bħala waħda mill-aktar effiċjenti waqt serata li ġiet organizzata mit-TCTC. Is-Sur Remigio Bartolo għamel referenza għalll-programm li kien ġie preparat fil-ġranet li għaddew u spjega x'ħa jsir u kif ġew imqassma l-attivitajiet u l-laqgħat li ser isiru. Hu qal li l-ewwel laqgħa hija mal-Kunsilliera fl-uffiċċini tal-Kunsill stess. Is-Sur Bartolo qal li ser isir diskors minnu kif ukoll mis-Sur Cordina u ssuġġerixxa li kulħadd jaqsam il-ħsieb tiegħu magħhom. Is-Sur Bartolo kompla jgħid li wara kulħadd mistieden għad-*dinner* mad-delegazzjoni ġewwa r-Razzett l-Antik f'Ħal Qormi. Is-Sur John Bonnici ssuġġerixxa li jsir vann. Is-Sur Stefan Cordina qal li jistgħu jikru vann mingħajr ix-xufier u jkun jista' jsuqu hu. Kulħadd qabel li l-ewwel jaraw min hu nteressat. Is-Sur Remigio Bartolo kompla jispjega l-programm u s-Sur Stefan Cordina wera r-rigali li nxtraw mill-Kunsill sabiex jiġu preżentati lis-Sinjuri Poutier u Desjeux li ġejjin minn Franza. Is-Sur Remigio Bartolo qal li din il-viżita ser isservi biex jibdew isiru l-kuntatti magħhom u s-sena d-dieħla jiġi ffirmat l-*agreement* tat-twinning minħabba li ser ikun hemm l-elezzjonijiet tal-Kunsill ġewwa Elancourt.

3. **KORRISPONDENZA**

   🗁 E-mail mingħand il-Kumitat tal-Każin La Stella Levantina fejn ipproponew li ssir wirja taċ-ċeramika tal-artist Alfred Aquilina, mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-istess soċjeta'. Is-Sur Stefan Cordina qal li minħabba li l-Każin ser joffri s-sala bla ħlas, il-Kunsill Lokali għandu jipprovdi *panels* fejn ikunu jistgħu jitwaħħlu l-affarijiet taċ-ċeramika. Fl-istess ħin għandu jinstab *sponsor* sabiex jiġu provduti xi *refreshments* għal waqt l-*opening* ta' din il-wirja. Kulħadd qabel.

🗁 Email mingħand is-Sur David Soler mill-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara. Is-Sur Stefan Cordina spjega li l-istess Kumitat Konġunt mhux ser jibqa' jopera minħabba li ġew iffurmati r-Reġjuni.

🗁 Email mingħand is-Sinj. Susanna Bonello mit-*Transport Malta* rigward il-*One way system* fi Triq San Anton. Is-Sur Stefan Cordina spjega li s-Sinj. Bonello f'isem it-*Transport Malta* qed titlob sabiex il-Kunsill ineħħi t-tabelli tal-*one way*. Il-Kunsill ġie mitlub ukoll jiddiskuti mal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Balzan u Ħal Lija is-sistema tat-traffiku u fl-istess ħin isir pjan ħolistiku ta' kif għandu jgħaddi t-traffiku mill-area kkonċernata. Is-Sur Cordina qal li ma jaħsibx li għandha tkun problema min-naħa tal-Kunsilli l-oħra biex tiġi diskussa din l-*issue* iżda t-*Transport Malta* qed tistenna li dan il-pjan isir għas-spejjeż tal-Kunsill minflok ma' jsir min-naħa tagħhom fejn għandhom nies professjonali li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sur Cordina kompla jgħid li hu diġa' għamel kuntatt mas-Sinj. Bonello u ġie nfurmat li din qed tintalab minħabba li rċevew xi lmenti. Hu qal li talab lis-Sinj. Bonello struzzjonijiet ta' x'jista' jagħmel il-Kunsill minħabba li hemm nies favur din is-sistema tat-traffiku u ma tistax tikkunsidra l-ilmenti ta' dawk kontra biss. Is-Sur Cordina qal li għadu qed jistenna risposta mingħand is-Sinj. Bonello u sadanittant il-proċeduri biex jinqalgħu t-tabelli twaqqfu miċ-Chairman tat-Transport Malta nnifsu. Hu kompla jgħid li jekk it-Transport Malta ma tipproponix pjan alternattiv qabel ma jinqalgħu t-tabelli għandha ssir *press conference* fejn jiġi spjegat pubblikament ir-raġunijiet kollha għalfejn ikunu inqalgħu t-tabelli. Is-Sur Marco Spiteri ppropona li l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti permezz ta' messaġġ fuq facebook ħalli jkunu jafu x'inhu jiġri. Kulħadd qabel.

🗁 Ittra mill-MEPA rigward permess li ġie maħruġ sabiex isiru xi alterazzjonijiet f'dar fi Triq Sant'Anna u jkun hemm ħanut (class). Is-Sinjorina Yanica Calleja spjegat li minħabba li kienet saret oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill fuq dan il-permess issa l-Kunsill ġie nfurmat li l-permess ħareġ u ser jitkompla l-proċess biex jibdew ix-xogħolijiet. Is-Sur Stefan Cordina qal li dan hu każ tipiku fejn juri biċ-ċar li l-vuċi tal-Kunsill hija vuċi fid-deżert.

🗁 Email mingħand is-Sur Karl Agius minn NSTF Malta. Is-Sur Cordina spjega li ser ikun hemm grupp ta' studenti li ser ikunu qed jirrappreżentaw lil Malta fil-London International Youth Science Forum u l-Kunsill qed jiġi mitlub sponsorship ta' €200 li jkopru l-ispejjeż tal-vjaġġ ta' wieħed mill-istudent li hu minn Ħ'Attard. Kulħadd qabel li sponsorships min-naħa ta' Kunsill Lokali ma jistgħux jibqghu jingħataw.

🗁 Email mingħand is-Sinj. Charlene Mercieca Magro mill-Greenpak fejn turi li l-Kunsill Lokali ġie t-tielet bħala lokalita' li jinġabar skart riċiklabbli. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-Kunsill għandu jfakkar lil Greenpak rigward l-EkoFesta sabiex jiġu provduti t-tankijiet. Hu kompla jgħid li għandha ssir laqgħa mal-Greenpak u tiġi diskussa xi tip ta' kampanja li l-Kunsill jista' jagħmel sabiex ikompli jħeġġeġ lin-nies sabiex jisseparaw l-iskart li hu riċiklabbli.

🗁 Stima mingħand is-Sur Edward Said sabiex isir rapport fuq ir-restawr tal-*embankement* fi Triq il-Linja. Is-Sur Mark Anthony Spiteri qal li madwar sentejn ilu l-Kunsill kien ra l-ħtieġa li jsir restawr lill-embankement fi Triq il-Linja u kienu ġew allokati madwar €2000 sabiex isir rapport estensiv fuq it-tiswija li hemm bżonn issir. Is-Sur Ralph Cassar qal li dan l-aħħar reġa' mar fuq il-post mas-Sur Edward Said sabiex tkun tista' tiġi preżentata stima. Is-Sur Cassar spjega eżatt x'tinkludi din l-istima. Is-Sur Remigio Bartolo ssuġġerixxa li jitniżżlu l-costings kollha f'dan ir-rapport sabiex il-Kunsill ikollu kollox elenkat u ma jsibx problemi meta jiġi biex japplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Mark Anthony Spiteri qal li l-ewwel ser isir rapport bi ħlas li jammonta għal €1500 u mbagħad tiżdied il-VAT. Is-Sur Ralph Cassar qal li wara li jsir dan ir-rapport, is-Sur Said ikun jista' jagħmel lista tal-costings bir-rata ta' €2000 (exc VAT). Is-Sur Ralph Cassar qal li meta dan ir-rapport ikun lest, għandu jiġi ppublikat. Is-Sur Stefan Cordina qal li għandha tiġi kkonsultata s-Sinj. Marica Mifsud

sabiex jiġi ċċekkjat jekk hemmx fondi biżżejjed u jekk dan ikun minnu għandu jibda x-xogħol fuq il-proġett. Kulħadd qabel.

🗁 Email mingħand Dr Michael Galea rigward bejgħ ta' ktieb 'F'Qalbi ma' tmut qatt: minn luttu għal serħan il-qalb'. Kulħadd qabel li l-Kunsill għandu jixtri ktieb wieħed u jitpoġġa fil-librerija.

**4. *MANAGEMENT LETTER* U RISPOSTA TAS-SINDKU**

Is-Sur Mark Anthony Spiteri qal li trid tingħata attenzjoni rigward il-proċeduri tat-tenders sabiex inkunu konformi mal-liġi. Is-Sur Alfred Zammit staqsa rigward il-flus li kellhom jingħataw lura mis-Sindku preċedenti. Is-Sur Stefan Cordina qal li ċempillu d-Direttur tal-Kunsilli Lokali u ġie mitlub jirrifondi l-flus lura. Is-Sur Cordina qal li hu spjega lid-Direttur u qallu li mhux hu kien ħa l-onorarja dak iż-żmien u spjegalu s-sitwazzjoni x'kienet. Hu kompla jgħid li talab lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn il-flus jiġu waived off. Is-Sur Cordina qal li s'issa għadu ma kellux risposta iżda meta d-Direttur kien ġie mistoqsi min huma dawk is-Sindki li ma rritornawx il-flus lura, Ħ'Attard ma kienx imniżżel minħabba n-natura tal-każ. Wara diskussjoni fit-tul, is-Sur Ralph Cassar ippropona li jittieħed parir legali filwaqt li jistennew risposta mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali. Kulħadd qabel.

Is-Sur Gerald Borg talab spjegazzjoni ta' punt 1.3 'The Council did not observe the procedures for the staff meal'. Is-Sur Stefan Cordina qal li meta l-Kunsill għamel l-ikla tal-Milied, il-kuntratturi ġew meqjusin bħala ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sur Stefan Cordina għamel referenza għal punt numru 9 fir-risposta tas-Sindku, 'Letters of Excuse'. Hu staqsa lil kulħadd preżenti jekk jaqblux li r-raġunijiet tas-Sur Remigio Bartolo u Dr Herbert Messina Ferrante fejn kienu assenti matul il-laqgħat fis-2012 huma validi. Kulħadd qabel li jiġu ġustifikati.

**5. APPROVAZZJONI TA' BUDGET 2013**

Approvat

**6. APPROVAZZJONI TA' QUARTERLY REPORT 2012**

Is-Sur Alfred Zammit staqsa għalfejn kien hemm fuq €2000 overtime fi tlett xhur u min ħadhom. Is-Sinj. Yanica Calleja spjegat li dak l-ammont kien imqassam fuq l-istaff kollu eskluz is-Segretarju Ezekuttiv li ma jithallas tal-overtime, minħabba li kienet saret l-attendenza tal-monti, kif ukoll il-Bazaar. Is-Sur Cordina qal li l-attendenza tal-monti ssir il-Ħadd u l-overtime ikun doppju. Hu kompla jispjega li dan irid isir sabiex ikunu jistgħu jiġu mqassma kaxxi ġodda lil persuni li jkunu fuq il-waiting list. Is-Sur John P Bonnici qal li l-Kunsill qed joħroġ il-flus tal-overtime u l-bejjiegħa mhux iħallsu l-ebda miżata. Is-Sur Stefan Cordina qal l-Kunsill ma jistax jaqbad u jżomm flus lill-individwi. Is-Sur Remigio Bartolo ppropona li ssir Bye-Law. Is-Sur Marco Spiteri qabel mas-Sur Bartolo u qal li ser jieħu ħsieb hu. Is-Sur Stefan Cordina staqsa jekk hemmx aktar mistoqsijiet dwar il-Quarterly Report 2013.

Is-Sur Alfred Zammit qal li s-sena d-dieħla l-Bazaar m'għandux isir biex il-Kunsill ma jkollux spejjeż żejda. Is-Sur Remigio Bartolo qal li ma jistax ikun li kull darba li l-Kunsill jorganizza xi attivita' irid ikun hemm biss gwadann. Is-Sur John P Bonnici qal li dan il-bazaar isir biex jingaabru flus għal Community Chest Fund w'għaldaqstant hija aċċettabbli li dan isir.

Il-Quarterly Report Oct-Dec 2012 ġie approvat.

## 7. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Talab parir rigward żbir ta' siġra quddiem il-Maypole fir-*roundabout* ta' Triq Santa Katerina. Kulħadd qabel li għandha tinżabar ftit.
- Informa lil kulħadd li għamel kuntatt mal-President tal-Banda 'La Stella Levantina' sabiex issir laqgħa fejn flimkien jilħqu ftehim rigward programm u ħlas għal Jum Ħ'Attard.
- Informa lil kulħadd li l-*equipment* wasal u fi żmien ħmistax ser jibda x-xogħol fi Ġnien l-Istazzjon. Ippropona li sakemm ikun hemm ix-xogħolijiet għaddejjin il-ġnien ikun magħluq għal pubbliku. Kulħadd qabel.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Ippropona li ssir laqgħa mas-sidien tal-ħwienet sabiex inħeġġuhom jibdew jisseparaw l-iskart. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Greenpak ukoll. Is-Sur Remigio Bartolo qal li fil-laqgħa għandu jkun preżenti kulħadd u mhux isiru żewġ laqgħat separati. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-aħjar l-ewwel issir laqgħa mal-Greenpak u wara ssir il-laqgħa mas-sidien tal-ħwienet. Is-Sur Stefan Cordina qal li biċċiet mil-ħwienet jisseparaw l-iskart bħal pereżempju d-Deli fi Triq Antonio Schembri. Is-Sur Gerald Borg qal li s-sid ta' dak il-ħanut beda jissepara l-iskart wara li kellmitu s-Sinj. Marica Mifsud. Kulħadd qabel li ssir laqgħa mal-Greenpak.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Staqsa jekk saritx xi laqgħa bejn il-Kunsill u l-Ministru Joe Mizzi. Is-Sur Stefan Cordina kkonferma li saret din il-laqgħa qasira miegħu fejn il-Ministru ntroduċa lilu nnifsu u ġie nfurmat li l-istess Ministeru ser jibda jiġbor l-ilmenti sabiex jibdew jaħdmu fuqhom.
- Fakkar rigward il-bozza nieqsa fi Triq iż-Żagħfran.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Talab kopja tal-polza tal-Health Scheme minħabba li meta ntalbet min-naħa tal-insurance dirett ma rċieva l-ebda risposta. Is-Sur Azzopardi qal li ma kienx jaf b'din il-polza. Is-Sinj. Yanica Calleja spjegat li din hija polza applikabbli għal Kunsilli Lokali kollha fejn isiru l-arranġamenti kollha min-naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex isir tindif ta' passagg fi Triq l-Imdina faċċata tad-dar 'Marvic' u jsir rapport lis-Sanita' rigward il-ġrieden li hemm fl-istess passaġġ.
- Ippropona li ssir ittra lis-Sur Mark Azzopardi minħabba li qed iħalli l-vettura tiegħu mitluqa fit-triq. Is-Sur Stefan Cordina qal li issa saru l-parking bays biex il-parkeġġ ikun aktar ikkontrollat. Is-Sur Cordina spjega li rapporti ta' dan it-tip iridu jmorru dirett għand il-Pulizija. Kulħadd qabel.
- Staqsa meta ser isir id-dawl fi Ġnien Ħal Warda. Is-Sur Stefan Cordina qal li ser issir connection temporanja minħabba li għalissa ma jistax jinghadda l-cable minn Triq Xatbet l-Art għax irid isir aktar skavar.
- Staqsa meta ser tkun lesta Triq Xatbet l-Art. Is-Sur Stefan Cordina spjega li għad m'hemmx data speċifika minħabba li reġgħu nstabu fdalijiet.
- Talab li jsiru sinjali bojod fuq l-is*leeping policemen* fi Triq Tumas Chetcuti.

- Ippropona li l-parking bays fi Triq il-Kbira, in-naħa tat-telephone box isiru slanting minflok dritti kif inhuma preżentament. Is-Sur Stefan Cordina qal li ser jieħu parir mingħand tal-KopTa Sin.
- Talab informazzjoni rigward l-iskema sabiex jiġu rranġati l-komuni fil-blokkok tal-Housing Estate. Is-Sur Stefan Cordina spjega li din l-iskema għalissa hija magħluqa u ser niġu nfurmati mill-Housing Authority meta terġa' tiftaħ.
- Isir refreshing tal-linji fi Triq is-Salvatur
- Staqsa għalfejn inqala' l-madum minn ġo waħda mill-kmamar fil-latrini ta' Ġnien Misraħ Kola. Is-Sur Stefan Cordina qal li f'dik il-kamra ser ikun hemm il-*monitoring unit* u l-Kunsill ġie mitlub mill-MEPA sabiex il-kamra tkun mingħajr madum.
- Ippropona li ssir laqgħa mal-Ambaxxatriċi Amerikana. Is-Sur Remigio Bartolo qal li ser jerġa' jkellem waħda mis-Segretarji tagħha sabiex tiġi organizzata din il-laqgħa.
- Talab update rigward l-installazzjoni ta' bozza ġdida fi Triq Lorenzo Manche'. Is-Sinj. Yanica Calleja qalet li qed issir korrispondenza mal-Enemalta minħabba li skond kif ġiet approvata min-naħa tagħhom, il-*cables* iridu jgħaddu minn ġo parapett tan-nies. Hi kompliet tgħid li ntalbet soluzzjoni oħra min-naħa tal-Enemalta.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Informa lil kulħadd li s-Sur Ralph Cassar sab xi żgħażagħ interessati fil-proġett tal-Youth in Action u ser issir laqgħa magħhom f'Lulju.
- Informa lil kulħadd li fil-ġranet li għaddew l-Ambaxxatriċi ta' Tuneż talbet laqgħa miegħu u mas-Sur Stefan Cordina fejn ġie propost li jsir *twinning*. Isir update aktar 'il quddiem meta l-Ambaxxatriċi tibgħat id-dettalji lilhu.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Staqsa għalfejn m'għadux ikun hemm uffiċċjali tat-Transport Malta fi Triq l-Imdina. Is-Sinj. Yanica Calleja qalet li minn korrispondenza li rċieva l-Kunsill dawk l-uffiċċjali kienu hemm biss fuq parti minn proġett li issa m'għadux fis-seħħ.
- Ġibed l-attenzjoni rigward id-drip irrigation fi Ġnien Ħal Warda minħabba li mhux jaħdem. Is-Sur Stefan Cordina qal li bħalissa mhux jaħdem minħabba li m'hemmx dawl pero' il-pjanti qed jissaqqew mis-Sur Joe Gauci
- Talab li tinxtara tinda u tiġi armata meta jkun hemm il-kollezzjoni tal-ħwejjeġ u mobiles ta' Refab.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.15pm għat-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2013 fil-5.30pm.

________________________ Sindku

________________________ Data